

NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

*Novembru - Diċembru 2001* Nru 123



## *Il-Kelma ta' l-Arċipriet*

Il-festi li ġejjin jintroduċuna għal sena ġdida. Is-sena liturġika, li bdejniha fl-ewwel Ħadd ta' l-Avvent għandha l-iskop li tagħmel il-jiem u x-xhur tas-sena ċivili jiem u xhur 'insara'. Kif? Billi tagħmel minnhom jiem ta' tifkira, jiem li jfakkruna fil-ġrajjiet tas-salvazzjoni tagħna li seħħew permezz ta' Ġesu' Kristu u li dehru fil-ġrajjiet tal-martri u l-qaddisin li laqgħu lil Ġesu' Kristu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

It-tifkira ewlenija fil-jiem li ġejjin hi dik tal-Milied, tat-Twelid ta' Ġesu' Kristu. Hija festa essenzjalment 'Nisranija' imma li d-dinja serqitha minn għandna u rrendietha festa 'profana', jiġifieri mneżża' mill-preżenza ta' Kristu fiha. Illum huma ħafna dawk il-bnedmin, imxerrdin mad-dinja jekk mhux ukoll fil-gżejjer tagħna, li mhux biss ma jiċċelebrawx il-Milied bħala festa nisranija, imma li lanqas jafu li l-Milied huwa t-tifkira tat-twelid ta' l-Iben t'Alla bħala bniedem fostna. Ma jafux li r-rigali li nagħtu lil xulxin huma tifkira tar-rigal ta' l-għaġeb li Alla l-Missier tana f'Ibnu magħmul bniedem. Ma jafux li l-ikla l-kbira tal-Milied hija ikla li tirrapreżenta l-ġenerożita' li għandu jkollna ma' xulxin u speċjalment ma' dawk li ma jistgħux iroddulna pjaċir bi pjaċir. Ma jafux li t-tiżjin tal-Milied mhuwiex għajr simbolu taż-żina divina li libbset lid-dinja meta din, bit-twelid ta' Ġesu' Kristu, saret l-għamara ta' Alla li jixraqlu jgħammar mhux f'għar għeri imma f'palazz imżejjen b'kull xorta ta' ġmiel.

Għalhekk, l-ewwel dmir tagħna fil-festi tal-Milied li ġejjin hu li bl-imġieba tagħna nagħtu xhieda profetika tal-karattru Nisrani tagħhom. Kif? L-ewwelnett billi dan iż-żmien sabiħ ikun għalina lkoll żmien ta' imġieba verament Nisranija. Jekk qed ninsew wisq lil xulxin u l-imħabba li għandu jkollna għal xulxin, naraw kif nirrimedjaw. Fejn inqasna ma' xulxin, naħfru lil xulxin. Jekk tbegħdna, nersqu lejn xulxin. Fejn offendejna wieħed lil ieħor, nagħmlu mela att ta' tpattija u nsewwu ir-rabtiet ta' bejnietna. Jekk ġibna ruħna inġustament u bla ġenerożita' ma' xulxin, naraw x'għandu jsir biex nirristabbilixxu l-ġustizzja u nwettqu għemejjel ta' ġenerożita'. Jekk aljenajna ruħna u waqajna fin-ngħas tal-bruda, inqumu min-ngħas spiritwali u nimpenjaw ruħna f'ħajja iktar vera ta' talb, karita' u tagħlim Nisrani.

Minbarra l-konverżjoni li għandha tkun l-impenn ta' kull Nisrani jew Nisranija, matul is-sena kollha imma speċjalment fil-festi Nsara, jeħtieġ li nġeddu wkoll il-parteċipazzjoni tagħna fil-ħajja tal-Knisja. Dan nagħmluh l-ewwelnett bis-sagrament tal-qrar billi nitolbu maħfra għal dnubietna, nirċievu l-maħfra t'Alla u nirrikonċiljaw rħna miegħu u mal-Knisja. Nagħmluh ukoll permezz tas-sehem sħiħ tagħna fil-liturġija, permezz tal-Quddiesa u talb liturġiku ieħor. Kemm tkun ħaġa



sabiħa kieku lill-funzjonijiet liturġiċi li jsiru fil-knisja nagħtuhom aktar prijorita' milli soltu naħtuhom, mhux biss permezz ta' l-attendenza, imma wkoll bis-sehem tajjeb, attiv u attent tagħna fihom.

Nistedinkom il-koll għall-festi tal-Milied, l-Ewwel tas-Sena u l-Epifanija li jsiru b'tant solennita' fil-Bażilika tagħna.

Nistieden lit-tfal u lill-familji kollha għan-Novena popolari li jkollna, mill-15 tax-xahar, kuljum fil-5.00pm. Kemm hu importanti li l-ġenituri jaħtfu kull okkażjoni ta' tagħlim biex uliedna jagħarfu s-sens veru tal-Milied sa minn ċkunithom. Dak li nitgħallmu meta nkunu żgħar ma ninsewh qatt. In-Novena tal-Milied għandha wkoll dan l-iskop ta' tagħlim.

Fl-aħħarnett, nieħu din l-okkażjoni biex ningħaqad ma' l-editur ta' din ir-rivista tagħna, biex nixtieq lilkom ilkoll qarrejja tagħna fil-gżejjer tagħna u emigranti, lilkom lkoll is-semmiegħa tar-radju tagħna Leħen il-Belt Victoria, u lilkom ilkoll membri tal-Komunita' Nisranija tagħna li tgħix fil-Belt Victoria jew 'il barra minnha: Milied Qaddis u Sena Ġdida mimlija bir-risq u l-barka tal-Mulej.

*Mons. Ġużeppi Farrugia*



**NAWGURAWLKOM MILIED HIENI U SENA ĠDIDA MIMLIJA RISQ U BARKA TAL-MULEJ**






# IL-BELT VICTORIA



Rivista ta' kull Xahrejn

*Uffiċċju Editorjali:* **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 55 63 77 • Fax: 55 69 81
E-mail: sangorg@vol.net.mt
Website: www2.vol.net.mt/org/sangorg


### MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITÀ PARROKKJALI

**29.09.01: MIGUEL, iben Mario Farrugia u Mary nee' Farrugia**
**04.10.01: ANTHONY, iben Frank Zammit u Frances nee' Buttigieg**
**05.10.01: LUKE, iben Jason Buttigieg u Carine nee' Gatt**
**07.10.01: DANIELLA, bint Anthony Grillage u Josette nee' Bugeja**
**21.10.01: DARREN CHIMA, iben Benneth Chima Njoku u Antonella nee' Formosa.**
**18.11.01: GABRIELLA, bint Marcel Mejlaq u Louise nee' Cremona**
**24.11.01: LORIANA, bint George Tabone u Anna nee' Theuma**

### INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

27.10.01: Terio Cassar u Diane Gatt

### MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

28.10.01: Michael Angelo Vella
14.10.01: Maria Dolora Cardona

**DONAZZJONI B'RISQ IR-RIVISTA**
Anthony Mercieca 30 Can $




L-IKLA TRADIZZJONALI TA' L-AĦĦAR TAS-SENA

**Fil-Kumpless tat-TEATRU ASTRA**
**It-Tnejn**
**31 ta' Dicembru 2001**
**mit-8.30 p.m. 'il quddiem.**

***Ikel - Logħob - Cajt***
***Mużika - Divertiment***

*BOOKING MIFTUĦ*

**Isma' Leħen il-Parroċċa fuq Radju**
**LEĦEN IL-BELT VICTORIA**
**FM Stereo 104**


# Editorjal

## SENA TA' ĦIDMA BLA WAQFIEN

Is-sena li għaddiet kienet sena ta' ħidma kbira u bla waqfien fil-parrocca tagħna. Biżżejjed insemmu dak li twettaq biex jitkompla l-bini tac-Centru Parrokkjali li ser ikun ir-rigal li l-parrocca tagħna ser tgawdi minnu fil-millenju l-ġdid. L-għajnuna ta' bosta nies f'din il-ħidma kienet apprezzata ħafna u l-appel għal-self bla imgħax intlaqgħet tajjeb minn ħafna u ħafna. Tant li sakemm qiegħdin niktbu diversi persuni għadhom jersqu lejn Mons Arcipriet u joffru l-għajnuna tagħhom.

Il-ħidma patorali kompliet tingħata spinta matul din is-sena, mhux biss bil-funzjonijiet regolari li jsiru fil-Baħilika u bis-servizz bla waqfien ta' qrar u quddies, imma wkoll b'inizjattivi ġodda li qed jittieħdu. Insemmu fost l-oħrajn iż-żjajjar fil-familji li ser jibdew dalwaqt, biex il-parrocca jkompli jkollha kuntatt ma din ic-cellula tant importanti tas-socjeta u tkun tista' tingħata l-għajnuna li jkun hemm bżonn.

Matul is-sena li għaddiet kompla jissaħħaħ is-servizz tar-radju u jidhrilna li nkunu nonqsu jekk ma nroddux ħajr lil Dun Effie Masini u lil dawk kollha, kemm teknici kif ukoll xandara li joffru s-servizz tagħhom f'dan is-servizz ta' fejda. Hawn ta' min ifaħħar ukoll il-kwalita għolja tal-programmi li jiġu mxandra li jagħmlu lir-Radju Leħen il-Belt Victoria wieħed mill-aħjar radjijiet tal-komunita' fil-gżejjer tagħna.

Il-Ladies Society, il-Kumitat Storiku Kulturali u l-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira ma baqgħux lura biex jaħdmu bla waqfien fil-komunita' parrokkjali. Il-Ladies Society ma tieqaf qatt mill-ħidma biex filwaqt li toħloq attivitajiet rikreattivi u oħrajn tiġbor fondi b'tisq il-parrocca. Il-Kumitat Storiku Kulturali lanqas baqa' lura bil-għajnuna tal-membri ħabrieka tiegħu organiżża attivitajiet mill-isbaħ matul is-sena. L-attivitajiet tar-Randan, tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-Festi ta' l-Għid ħadu spinta 'l quddiem bl-impenn li qed juru l-grupp li jifforma l-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira.

Ma tistax tħalli barra l-Grupp li jgħin fit-tindif tal-knisja, il-Kumitat tal-pubblikazzjoni "San Ġorġ" li qed theijjina għac-centinarju l-kbir tas-sena 2003, il-grupp ta' l-armar tad-dawl, dak ta' l-armar ta' ġewwa l-knisja, il-Kor Laudate Pueri, u b'mod partikolari is-Socjeta' Filarmonika La Stella, u ħafna u ħafna ndividwi oħra li joffru l-għajnuna tagħhom kull meta tiġi mitluba. Il-ħidma li twettqet matul is-sena li għaddiet hija l-isbaħ awgurju mhux bis għas-sena l-ġdida imma wkoll għas-snin li ġejjin.

**Lil kull min kien ta' għajnuna għall-parrocca għażiża tagħna nroddulu ħajr u nawgurawlu Milied hieni u qaddis u sena ġdida mimlija ferħ u hena fil-Mulej.**

# IL-KELMA T'ALLA SARET LAĦAM

minn **Mons Lawrenz Sciberras**

Wieħed mill-kliem ta' l-Iskrittura Mqaddsa li joqrob ħafna lejn il-misteru kbir ta' l-Inkarnazzjoni tat-Tieni Persuna tat-Trinita' Mqaddsa huwa dak meħud mill-ktieb ta' Għerf. Dan it-test jaqra hekk: ***"Waqt il-ħemda ta' kwiet kienet taħkem fuq kollox, u l-lejl kien jaqbeż nofs il-mixja tiegħu, il-kelma setgħana tiegħek mit-tron tas-sultan tas-sema, niżlet bħal ġellied qalil, f'nofs dik l-art misħuta".*** (Għerf 18, 14-15)

Missirijiet il-Knisja, fosthom San Ġwann Krisostmu, Oriġene, fl-Orjent, Sant'Ambroġ u Santu Wistin fl-Oċċident ilkoll jaqblu flimkien, li dan il-kliem spirat qed jirreferi għat-twelid ta' l-Iben t'Alla. Twelid li kif isejjaħlu San Ljun il-Kbir huwa kollu miraklu ħaj ta' l-imħabba bla tarf ta' Alla. Tkun ħaġa tassew f'waqtha li matul dawn il-jiem hekk sbieħ tal-Milied, jiem li ma hemmx impar tagħhom matul is-sena kif iddur, għaliex huma jiem ta' mħabba infinita, sewwa li wieħed jirifletti aktar fil-fond dwar dawn il-kelmiet tal-Ktieb ta' l-Għerf. Kien Ġesu' innifsu li aktar 'l quddiem imbagħad ikkonferma ma' Nikodemu: "Alla hekk habb lid-dinja li bagħat lil Ibnu 'l wahdieni". (Ġw. 3,15)

## Il-Ħemda tal-Lejl

Fil-kotba Mqaddsa, jidher punt sod zgur li l-ħwejjeġ il-kbar fl-Istorja tas-Salvazzjoni ġraw bil-lejl, fil-kwiet u fis-skiet. Diġa fil-ħolqien tad-dinja Alla lil dak il-kaos u t-taħwid, isejjaħlu "lejl" (Ġen.1,5). Hemm imbagħad il-lejl tant qawwi u ta' tifsira għal Lhud, dak tal-Mogħdija tal-Mulej. Kien lejl ta' tifkira, lejl li l-Lhud ma nsewħ qatt aktar f'ħajjithom. Kien l-ewwel lejl meta huma ħassewhom tassew liberi, meħlusin u padruni tagħhom infushom. "Fix-xahar ta' Abib ħarġek il-Mulej Alla tiegħek, mill-art ta' l-Eġittu BIL-LEJL". (Dt. 16,1). Fit-Testment il-Qadim din il-kelma hija użata għal 103 darbiet, u dan juri l-importanza u tifsir l-ieħor kollu marbut mal-kelma lejl.

Issa hawn ukoll; fit-twelid tal-Bambin, dejjem skond il-kliem tal-ktieb ta' l-Għerf, donnu kellu jiġri fil-ħenda sfiqa tal-lejl. L-evanġelista li jirrakkonta dan it-twelid divin, ma jsemmix direttament li sar bil-lejl. Almenu dejjem fejn Luqa jitkellem mit-twelid fis-sens dejjaq tal-kelma. Imma fl-istess waqt tat-twelid preċiżament żewġ kilometri bogħod biss minn Betlem, fi rħajjal ħiemed u sieket qalb id-deżert niexef tal-Ġudea, illum jismu Bet Sahur **ġrat xi ħaġa bil-lejl**. Din kienet l-aħbar sabiħa u ta' ferħ li l-anġli taw lir-ragħajja. Hawn issa Luqa jitkellem bid-dettalji kollha: "F'dawk l-inħawi kien hemm xi rgħajja fir-raba', għassa mal-merħla tagħhom BILLEJL" (Lq.2,8). Għalhekk mela li wieħed għandu għax tassew iżomm li dan it-twelid tas-sema sar fil-ħemda siekta tal-lejl. Ma' dan il-punt ikomplu jaqblu l-kotba apokrifi li barra li jagħtu ħafna dettalji interessanti dwar it-twelid tal-Bambin kollha jżommu li kien bil-lejl meta twieled Ġesù Bambin.

Issa l-ktieb ta' l-Għerf ikompli jidħol aktar fid-dettal meta jikteb: Il-lejl kien jaqbeż nofs il-mixja tiegħu. Għalhekk forsi matul il-mixja taż-żminijiet, nofs il-lejl tal-25 ta' Diċembru huwa l-hin tat-twelid divin f'Betlem tal-Lhudija. Twelid li kien kapaċi jaqsam iż-żmien fi tnejn: dak ta' qablu u dak ta' warajh. Twelid tant mistenni għaliex ġie mħabbar mijiet ta' snin qabel mill-profeti. Twelid li ma hawnx bħalu fid-dinja. Hekk ukoll kiteb l-Arċipriet Mons Alfons M. Hili fil-kurunella f'ġieħ it-twelid ta' Ġesu' Bambin fis-sena 1900: Din il-kurunella jien għadni ngħidha mal-familja fi żmien il-jiem tan-Novena u wara l-Milied.

F'nofs ta' lejl u f'għar imsejken
ġewwa Betlem Int twelidt
ferħet l-art, feraħ is-sema
għaliex kollox fis ġeddidt.
Aħna wkoll nifirħu u nilqgħu
Dik il-barka li Int xerridt.

## Il-Logos

Il-kittieb spirat tal-ktieb ta' l-Għerf ikompli jitkellem min-nom Kelma, bil-Grieg Logos. U hawn forsi nidħlu aktar



fil-qalba tal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. It-tifsira ta' din il-kelma hija waħda wiesa ħafna. Biżżejjed ngħidu li fit-Testment il-qadim dan it-terminu huwa miktub għal 253 darba. Hekk fis-Salmi: "Kif jista' żgħażugħ jimxi safi fi triqtu? Billi jħares il-Kelma tiegħek". (Sl 119,9) Ukoll Isaija "Il-Kelma tal-Mulej tibqa' għal dejjem". (40,8).

Però dejjem biex ikompli iqawwi l-argument tiegħu dwar il-miġja straordinarja ta' din il-Kelma t'Alla, l-awtur jorbot magħha aġġettiv tassew interessanti, u kollu kemm hu partikolari: Dan huwa "setgħana", bil-grieg *pantodunamos*. Dan l-aġġettiv qiegħed fis-singular u maskil, għaliex it-terminu logos bil-grieg huwa fil-maskil. Fil-Bibbja ta' Saydon jidher li hemm xi ftit tad-differenza. Difatti naqraw hekk: "Il-kelma tiegħek li tista' kollox". U allura hawn it-test ifakkarna direttament fil-ħolqien tad-dinja b"ull ma fija. Kollox effett tal-Kelma setgħana u kreatriċi t'Alla saru s-smewwiet u l-art.

Issa biex tkompli aktar toħroġ għad-dawl il-qawwa u s-setgħa divina ta' din il-Kelma li ħarġet mit-tron tas-sultan tas-sema, sewwa ngħidu li l-aġġettiv "setgħani/a" qed jiddeskrivi n-nom Kelma *Logos*, fil-Bibbija tas-Sebgħin (LXX) kollha qiegħed użat biss darba waħda oħra. U toħroġ il-għaġeb qiegħed ukoll fil-ktieb ta' l-Għerf biss; it-test huwa dan: "Għax setgħet ukoll IDEK SETGĦANA, li

*ikompli f'paġna 6*

## ĠIMGĦA TAL-PARROĊĊA

# *Imfakkar il-Ħbit fuq Għawdex fl-1551*

Nhar il-Hadd 11 ta' Novembru 2001, Jum it-Tifkira, il-Parrocca tagħna fakkret dak l-avvenimenti tragici li seħħew f'Għawdex 450 sena ilu, meta f'Lulju tal-1551 il-bicca l-kbira tal-parruccani ttieħdu bħala skjavi mill-kusari Ottomani. Il-kappillan ta' dak iż-żmien Dun Lawrenz de Apapis (1550-1586) kien ukoll meħud bħala priġunier ġewwa Kostantinopli fejn baqa' jaqdi l-missjoni tiegħu ta' kappillan mal-parruċċani maqbuda sakemm ġie mifdi fl-1553. Meta Dun Lawrenz de Apapis ġie lura Għawdex, fejn kien ukoll Nutar Pubbliku u rappreżentant ta' l-Isqof ta' Malta, hu medd għandu għax-xogħol biex jirriorganizza l-Parroċċa u jibni mill-ġdid il-knisja parrokkjali dedikata lil San Ġorġ.

Fi tmiem Koncelebrazzjoni Solenni bis-sehem tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata Ġorġjana, Mons Arcipriet Dr. Joseph Farrugia, biex lapida kommemorattiva ta' dan l-avveniment.

Din il-Koncelebrazzjoni kienet waħda min sensiela ta' attivitajiet liturgici, kulturali u pastorali li kienu jinkludu l-partecipazzjoni tal-Kor Laudate Pueri taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġorġ J. Frendo u tal-kor Stevenich Male Voice Choir ta' l-Ingliterra.

Matul il-Ġimgħa tal-Parrocca ħadu sehem ukollL-E.T. Mons Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan, is-Sur Paul M. Cassar, Sindku tal-Belt Victoria, Il-Professur Dr. Joe Friggieri,Kap tad-Dipartiment tal-Filosofija ta' l-



Mix-xellug għal-lemin: Frof V. Mallia Milanes, Dr. Maria Frendo, Is-Sur P. Mizzi u in-Nutar G.P. Pisani f'waħda mil-laqgħat li saru.

Universita' ta' Malta, il-Professur Victor Mallia Milanes, Kap tad-Dipartiment ta' l-Istorja fl-Universita', in nutari Dr. Paul George Pisani u Dr. Eugene Montanaro, Dr. Maria Frendo, lecturer fl-Universita, l-istoriku u pubblikatur is-Sur Pawlu Mizzi, Bro. Domenic Rosso, Kap tal-Kulleġġ De La Salle, is-Sur u s-Sinjura T. Gauci li huma l-presidenti ta' l-Għaqda ewropea tal-Familji Nsara u is-Sur Antoine Vassallo, Vici-President tal-Kunsill Pastorali tal-Parrocca. L-attivitajiet li saru kienu organizzati mill-Kunsill Pastorali tal-Parrocca tagħna bil-għajnuna u l-kollaborazzjoni tal-Kumitat Storiku Kulturali tal-Bażilika.

Fl-okkażżjoni tat-tifkira tal-ħbit fuq Għawdex fl-1551 saret wirja storika mill-Grupp taż-żgħażagħ 234 tal-Parrocca fil-kappella ta' Santa Katerina. F'din il-wirja kien hemm esebit il-volum prestiġjus ta' l-atti notarili tal-Kappillan Dun Lawrenz de Apapis. Dan il-volum ġie misluf għal din l-esibizzjoni bil-kollaborazzjoni ta' Dr. Franco Pellegrini ta' l-Arkivji Notarili tal-Belt Valletta u seta' jkun esebit bil-għajnuna tal-Librerija ta' l-Universita' ta' Malta.

Biex tibqa' imfakkra din l-esibizzjoni l-Kumitat Storiku Kulturali ppubblika ktejjeb mħejji apposta minn Dr. Paul George Pisani, b'dettalji u dokumentazzjoni dwar l-avvenimenti ta' l-1551 u dwar dak kollu li kien hemm esebit.




# DUN LAWRENZ de APAPIS

## *Benefattur Ewlieni ta' l-Għawdxin*

***L-Omelija ta' Mons Arċipriet Gużeppi Farrugia fil-Konċelebrazzjoni Solenn li saret il-Ħadd 11 ta' Novembru 2001 b'tifkira tal-Kappillan Dun Lawrenz de Apapis u l-vittmi tal-ħbit fuq Għawdex fl-1551.***

Ġesù kellu d-drawwa li jaqbad kwadru mill-istorja jew il-kultura ta' ġensu, li kien il-poplu Lhudi, janalizzah b'mod mill-iktar sempliċi u jagħmel minnu sfond jew għodda ta' tagħlim biex iġedded is-soċjeta' ta' żmienu.

"Smajtu x'intqal", kien jgħid lil dawk li ried jgħallem. "Smajtu x'intqal"..jew.."tafu kif jagħmlu l-Fariżej"..u wara li jiddeskrivi x'kien jintqal jew isir, kien jagħti t-tagħlim ġdid tiegħu: "Imma jien ngħdilkom."

Hekk kien jagħmel Ġesù, ifakkar u jġedded. Daqqa kien iġedded billi jikkundanna dak li fih kien ifakkar (eż. it-tradizzjonijiet ħżiena tal-vendikazzjoni, tad-divorzju, tal-kalunnja,) u jgħid kif għandu jkun fid-dinja l-ġdida, fis-saltna l-ġdida li ġie jwaqqaf.

Kien iġedded ukoll billi jfakkar f'dak li kien apparentament tajjeb, u jgħallem kif jista' ikun aktar awtentikament tajjeb. Għalhekk qal: "Jien ma ġejtx biex inkisser il-liġi u l-profeti, imma ġejt biex inwassalhom għall-perfezzjoni". Is-saltna li ried iwaqqaf riedha tkun "ta' perfezzjoni". L-amar tiegħu lilna kien u għadu: "Kunu perfetti bħalma perfett hu missierkom li hu fis-smewwiet."

Għalhekk Ġesù ma ġiex ikisser it-tempju imma ġie biex jibnih mill-ġdid b'ġebel aqwa, il-ġebel spiritwali. Ġesù ma ġiex biex itemm ir-reliġjon ta' Israel, imma biex jimliha bil-

ikompli

grazzja ġdida tiegħu ħalli hekk naqħtu qima lil Alla l-Missier fl-imħabba ta' l-Ispirtu u fil-verita' tiegħu, jiġifieri ta' Kristu. Ġesù ma ġiex biex jeqred id-dinja b'xita ta' nar qadim, bħal dak li niżel f'Sodoma u Gomorra, jew b'dilluvju qerriedi, bħal dak li għaddha lill-ħolqien mill-ewwel esperjenza kollettiva tal-mewt, imma ġie biex lill-ħolqien iġeddu, l-istorja jġeddidha, is-soċjeta' jagħmilha ġdida bil-preżenza u l-azzjoni tiegħu, u bil-kollaborazzjoni dinjutuża tagħna.

Dan - irridu niftakru - ried jagħmlu fi kwadru soċjali ta' tolleranza, sabar, gradwalita', rispett lejn il-liberta' tagħna u possibilment f'kuntest ta' paċi.

Id-dinja, pero' - u dan ukoll ma rridux ninsewh - wiegħbet bl-intolleranza lejn Kristu u l-verita' tiegħu; wiegħbet bil-persekuzzjoni, il-mibgħeda u t-tiġrib li minn żmien għal ieħor ħabtu fuq il-Knisja f'suriet diversi u b'qilliet sorprendenti. Hu f'dan il-kuntest bibliku, storiku u kulturali li qed niftakru fi ġrajja ta' niket u ferħ li l-Parroċċa ta' San Ġorġ ( li aħna nsejħulha "tagħna") għaddiet minnha 450 sena ilu. Għidt "il-Parroċċa ta' San Ġorġ". Inkun aktar korrett jekk ngħid "il-Parroċċa ta' Għawdex" għax l-Għawdxin kollha ta' dak iż-żmien kienu jaraw f'din il-knisja parrokkjali d-dar tagħhom, il-benniena ta' dinhom u l-għajn viżibbli tal-grazzja tagħhom imħarsa minn San Ġorġ, il-Patrun smewwi ewlieni tal-gżira.

Benefattur ewlieni ta' l-Għawdxin li għaddew mit-tiġrib il-kbir tal-1551 kien il-predeċessur tiegħi f'din il-Parroċċa Dun Lawrenz de Apapis, li dwaru tkellmu b'sengħa u kompetenza diversi kelliema li kellna fostna fil-jiem li għaddew. Għalhekk kien jixraq li llum niltaqgħu biex inroddu ħajr lil Alla għat-tajjeb kollu li kellu fih u għall-ġid kollu li wettaq fostna.

Jekk il-benefattur ewlieni kien il-Kappillan Dun Lawrenz, il-protagonisti vera kienu l-vittmi, jiġifieri l-mijiet ta' Għawdxin, forsi wkoll eluf, li bit-tradiment ta' dawk li kellhom iħarsuhom ġew mibjugħa għal 30 biċċa tal-fidda, u 10 magħhom. Għax, "b'fidda", milli jidher, kienu jgħoddu ruħhom is-



*Mons Arċipriet ibierek il-lapida f'ġieħ Dun Lawrenz de Apapis.*

sidien tal-kastell u b'karfa kienu jgħoddu lill-poplu li kien jifforma l-Parroċċa tal-ħaġar mibni madwar il-knisja parrokkjali tiegħu dedikata lil San Ġorġ.

Tajjeb li niftakru f'dawn missirijietna bi ħniena u ġieħ.. u nitgħallmu minnhom għax ir-realta' kulturali u soċjali ta' żmienhom mhix wisq imbegħda minn tagħna llum.

Imienhom kien żmien ta' konflitt bejn l-Iżlam, ir-reliġjon imxandra mill-messaġġier Muhammed, u l-Knisja, ir-reliġjon imwaqqfa minn Kristu, l-Iben t'Alla magħmul bniedem.

F'dak iż-żmien l-Iżlam kien qed jagħmel ħiltu biex jieħu post il-Fidi Nisranija fil-qalb tal-bnedmin. Hekk ukoll qed jagħmel fid-dinja tallum. M'hu jagħmel xejn ħażin li jipprova jikkonvinċi lill-bnedmin fil-"veritajiet" tiegħu, sakemm dan jagħmlu b'tolleranza, b'qima lejn id-dinjita' umana u fir-rispett tal-libertajiet tal-bniedem.

Madankollu aħna ma nistgħu qatt ninjoraw it-tagħlim ta' Ġesù li qal: "Jien il-verita', it-triq u l-ħajja", nżidu ngħidu..u mhemmx oħra għajri. Għalhekk waqt li l-Iżlam jgħid li l-verita' hi tiegħu, it-triq tas-salvazzjoni hi dik li jfassal hu, u l-ħajja hi dik li joffri hu, aħna nisimgħu lil Ġesù itenni: "Smajtu xi ntqal (li hemm veritajiet oħra barra tiegħi) imma jien ngħidilkom: "Jiena it-triq..is-sewwa..il-ħajja." Smajtu x'qed jingħad, tgħidilna l-Knisja, li "kull reliġjon hi triq tajba għal għand Alla u għall-ħajja", imma jien ngħidilkom, bil-kelmiet ta' Pietru li mhemmx salvazzjoni ħlief f'Ġesù Kristu li qam minn bejn l-imwiet.

Għalhekk, ħuti, ninsabu ftit jew wisq fl-istess sitwazzjoni li sabu ruħhom fiha missirijietna fil-Parroċċa tagħna 450 sena ilu meta ttieħdu bi vjolenza l-Barberija jew Kostantinopli fil-jasar taħt il-Misilmin ta' l-Imperu Ottoman.

Uħud min missirijietna, fosthom il-Kappillan ta' San Ġorġ, sabu l-fidwa u ħelsu mill-jasar u ġew lura fil-gżira Nisranija tagħna u bnew mill-ġdid il-ħuġriet tagħhom fosthom, din il-knisja parrokkjali, il-kenn tagħhom. Iżda oħrajn ma sabux min jifdihom, forsi wkoll sabu min ifixkilhom, milli jsibu fidwa, mhux esklużi werrieta li setgħu jiggwadanjaw mill-hemm tagħhom. Uħud minn dawk li baqgħu Kostantinopli baqgħu fidili għal Kristu u wlied uliedhom għadhom sallum jgħożżu l-fidi Nisranija. Imma dawn kienu ftit. Għax il-parti l-kbira sabuha bi tqila li jibqgħu fidili u saru Misilmin: caħdu l-fidi u tilfu l-aqwa teżor li jista' jkollna: Kristu nnifsu. Ma nikkundannawhomx, imma nitgħallmu minnhom u mill-esperjenza tagħhom.

Aħna, illum ukoll, f'pajjiżna stess, qed niġu mġarrba b'mod li qajla nistgħu nifilħu għalih, b'kull xorta ta' tiġrib fil-fidi tagħna. X'ħa nagħmlu? Nagħmlu bħal ħutna ta' 450 sena ilu li żammew sħaħ fil-fidi. Nagħmlu bħal missirijietna, li ġew lura u ngħaqdu ma' dawk l-Għawdxin li skampaw il-jasar, fil-formazzjoni ta' soċjeta' Nisranija li tfittex il-faraġ u l-fiduċja tagħha f'Ġesù Kristu u l-grazzja tiegħu. Nagħmlu bħal Kappillan Dun Lawrenz de Apapis li b'kuraġġ waqaf lill-arguzini Misilmin li kienu qed ijassruh; li ttama u sab il-ħelsien u reġa' f'Għawdex fost niesu u l-parruċċani tiegħu, li b'viżjoni bena mill-ġdid il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ biex nistgħu nibqgħu ngawduha anke llum; li b'sagrifiċċju fettex li jġib 'l quddiem lil Għawdex Nisrani billi ħaddem it-talenti kollha tiegħu ta' bniedem intelliġenti, nutar pubbliku, amministratur ekkleżjastiku, Nisrani karitatevoli u talenti oħra biex jagħti sehmu, anke jekk dan kien żgħir bil-miżuri tagħhom, biex tissawwar is-saltna ġdida ta' Ġesù fostna.

Tixraq, iva, it-tifkira tallum u j'alla tibqa' fostna u tħalli ġid spiritwali fina u fi gżiritna.

# IL-KELMA T'ALLA SARET LAĦAM

*jaqbad minn paġna 3*

sawwret id-dinja" (Għerf 11,17). Immela l-aġġettiv setgħana, la darba użat man-nom id, u darba oħra biss man-nom Kelma, logos, ikompli jixħet dawl qawwi dwar it-tifsira mimlija u sħiħa tan-nom Logos, Kelma.

Mistoqsija oħra interessanti li għandu jagħmel kull min jaqra u jirrifletti dwar dan it-test hija din. Il-kelma setgħana qabel ma niżlet hawn fostna fid-dinja fejn kienet tgħix? Fejn kienet l-għamara tagħha? It-tweġiba neħduha minn kliem l-aġġografu stess. "Mit-tron tas-sultan tas-sena." (18,15) Dawn huma tlitt kelmiet oħra li jissiġillaw il-qawwa u d-divinita' ta' din il-Kelma setgħana. Nibdew mill-kelma tron, kelma użata fil-Malti imma ġejja mill-istess ilsien Grieg *thronos*.. U dan it-tron mhux le ta' xi sultan ta' din id-dinja, li llum hawn u għada jgħib għal dejjem, imma dan it-tron qiegħed fis-sema. La nsemmu t-tron, dritt wieħed jaħseb li hemm xi sultan, u fil-fatt hekk hu, sultan kollu kemm hu speċjali u uniku, għaliex ġej mis-sema. L-aħħar kelma hija sema. Għan-nies Semiti, is-sema huwa l-post ta' l-allat, l-imkien fejn jgħixu l-qawwiet divini, il-post minn fejn jiġi d-dawl, id-dlam, l-irjieħ, ix-xita, eċċ.

Mela ma jifdal ebda tifsira oħra għan-nom Kelma, Logos. Din hija t-tieni Persuna li sa mill-eternità kienet ma' Alla u hija Alla. Hekk ħafna snin wara jikkonfermah l-evanġelista Ġwanni: "Fil-bidu kien il-Verb, Logos, u l-Verb kien ma' Alla, u l-Verb kien Alla" (Ġw 1,1).

## F'Nofs l-art

Fost il-poplu magħżul kollox kien jidher li wasal għal milja tiegħu. jidher li kien hemm stennija qawwija u tant mixtieqa. Qalb il-poplu tal-Galilija, tas-Samarija u tal-Ġudea, kien hemm suġġett wieħed, li kulħadd itambar dwaru u fuqu. "Imma meta ser jidher dak li ġie mħabbar mill-profeti, forsi jeħlisna darba għal dejjem mill-barranin." Il-Lhud kienu jistennew xi sultan qawwi, setgħani u li r-rebħa aħħarija tkun żgur tiegħu. Jiġi billi jagħmel ħoss kbir, tant li kulħadd jintebaħ bil-miġja tiegħu.

Il-kittieb sagru qed jagħmel kuntrast kbir u qawwi tassew bejn is-sema, fejn kienet l-għamara tal-Logos, il-Kelma u l-art, tant li ma jibżax isejħilha "misħuta". Huwa f'dan is-sens qawwi ta' kuntrast bejn is-sema u l-art, li din l-għamara ġdida tissejjaħ "misħuta". Iżda hawn kellha tkun l-għamara ġdida ta' dan Ġesù, l-Emanweli. Fost tant bnedmin midinbin u morda b'kull xorta ta' mard spiritwali, u dan biex ifejjaqhom.

Issa l-kliem tal-ktieb ta' l-Għerf ikompli jiġi ssiġillat bi kliem l-evanġelista San Ġwann. Dan il-kittieb wara li fl-aħħar snin ta' ħajtu u mdawwal mill-Ispirtu Qaddis irrifletta fil-fond dwar il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni u wasal biex kiteb dawk il-kelmiet immortali: ***"L-Iben t'Alla sar bniedem u għammar fostna"*** (Ġw 1,14). Propjament it-test grieg jaqra hekk: Ħo Logos, il-kelma saret laħam. Mela Ġwanni hawn ukoll qiegħed jaqbel perfettament ma kliem il-ktieb ta' l-Għerf, preċiżament it-test li fissirna u spjegajna. Ġwanni l-evanġelista l-maħbub, tant irrefletta dwar l-Inkarnazzjoni ta' Ġesù, kif ukoll biex jeħodha bil-qawwa kollha kontra l-ereżija tad-Doċeti, li kieniu jgħallmu li Ġesù kien biss apparenza, tarah u daqskhekk, Ġwanni kiteb li l-Logos saret laħam, *sarks*, il-Logos, li sa mill-eternita' kien mal-Missier u daqs il-Missier f'kollox, issa deher bniedem bħalna f'kollox.

Fil-milja taż-żminijiet, meta kollox kien jidher imħejji u l-ħerqa ta' l-istennija kienet fit-tokk tagħha, din il-Logos, il-Kelma niżlet mit-tron tagħha tas-sema biex tibda tgħix fostna u magħna. Hawn jikkumenta Santu Wistin: Alla jsir bniedem biex il-bniedem isir Alla. Żgur li punt għola aktar minn daqshekk wieħed ma jsibx, wieħed ma jistax jaħseb dwaru.

Quddiem dan il-misteru tat-twelid tal-Bambin, ma jifdal xejn x'ngħamlu għajr nifirħu u nroddu ħajr lil Alla għax **"L-Iben t'Alla sar Bniedem u għammar fostna"** (Ġw 1,14).

# IL-FERĦ TAL-MILIED



Għal darb'oħra qiegħed nikteb
dawn il-versi għall-Milied;
Tempus fugit! Iż-żmien jaħrab
u dil-festa wara l-bieb.

Din hi ġrajja mistennija
għaliex magħha ġġib ferħ kbir
illi jimla 'l-qlub hienja
sew ta' l-għani sew tal-fqir.

Sa minn kmieni l-familja
tibda theġġi għal dil-festa,
ta' quddiem tiġi n-Novena-
f'nofs id-dar il-grotta lesta!

Għaliex ħbieb nifthu għajnejna;
m'hemmx Milied mingħajr Bambin
u jekk spazju nsibu għal kollox
lilu nagħtu l-ewwel ħin.

Għaddew, tgerbu żewġ millenji
mit-twelid ta' Ġesu"Betlem,
iżda d-dinja, ma' Diċembru
sa minn kmieni lilu ssellem.

Għaliex tifhem li dil-ġrajja
ma kenitx waħda komuni;
quddiem dit-tarbija fqajra
rejjiet mielu, sinjuruni,

u inxtehtu għarkubbtejhom
jaduraw u jagħtu qima;
deheb, incens, mirra, offrewlha
bħala radd ta' ħajr u stima.

Jekk tassew tridu l-ferħ thossu
li jġib miegħu l-Milied
ibdew ixbħu 'l dawk ir-ragħajja
illi dlonk telqu l-merħliet.

U ġrew lejn il-għar ta' Betlem
biex jifirħu bit-tarbija
illi mliet lil qalbhom twajba
b'hena, ferħ u armonija.

Bħal dal-ferħ, ħbieb, nixteqilkom
f'dawn il-jiem sbieħ tal-Milied-
Jalla qalbkom tkun mimlija
Sliem u Paċi tas-smewwiet.

*Kav. Joe M. Attard*

# ROKNA GHAT-TFAL



Għeżież Tfal

Kif intom! Nittama li tinsabu tajbin!

Igur li taqblu miegħl li ninsabu fl-isbaħ żmien tas-sena, żmien għażiż u tant mixtieq u mistenni kemm mill-kbar kif ukoll miż-żgħar; żmien li fih inħossu ferħ mhux tassoltu, ferħ ġenwin u sincier li ma taghtihulniex id-dinja. Għax ma rridux ninsew li l-qofol ta' dawn il-festi kollha ma jikkonsistix biss f'xi ikla tajba, fir-rigali, fit-tiżjin ta' ġod-dar u fit-toroq, imma l-presepju bil-Bambin, li ma hu xejn għajt it-tifkira tat-Twelid tal-Bambin Ġesu' fl-għar ta' Betlem 2000 sena ilu. W għalhekk inħeġġikom, għeżież tfal, biex fic-centru tad-dar tagħkom isaltan il-presepju.

Mhux biss, Iżda nirrakmandalkom li matul in-Novena li żgur tgawdu fil-Bażilika tagħna, fil-għaxija, qabel torqdu, issibu ħin tmorru quddiem ix-xbieha tac-ckejken Bambin, u titolbuh dak kollu li teħtieġu, sakemm dan hu ta' ġid għal ruħkom u ġisimkom.

Qabel il-Milied, matul Dicembru, għandna wkoll il-festa ta' l-Immakulata Kuncizzjoni, festa għażiża li tfakkarna fit-tnissil bla tebgħa tal-Madonna, festa li ssir bil-banda u l-isparar u li fiha għandek issib xi wħud li jżanżnu xi libsa sabiħa, b'mod specjali in-nisa.

Naturalment, il-Milied, iġib miegħu wkoll il-vaganzi li lkoll tieħdu gost bihom. Gawduhom sew u toqogħdux lura milli taghtu xi daqqa t'id id-dar meta tiġu mitluba. Sibu ħin ukoll għal xi ftit qari tajjeb. Jien ma nafx kif beħsiebkom tgħaddu l-aħħar jiem tas-sena! Iżda fis-sala tat-teatru Astra, sa nneħħu s-siġġijiet u nagħmlu ikla kbira. Hajru lil tad-dar u ejjew magħhom. Tieklu tajjeb u tistgħu tirbħu xi rigali wkoll.

U tinsewx, li mas-sena l-ġdida, għandna d-drawwa li nagħmlu xi proponimenti. U dawn ma jagħmluhomx biss il-kbar, imma anke tfal bħalkom. Jien mhux ser noqgħod nindaħlilkom, Iżda xtaqt biss ngħdilkom kelma ta' ġid. Araw li jkollkom dejjem kumpanija tajba, twiegbu għas-sejħat li tagħmlilkom il-parrocca, tattendu għal-lezzjonijiet tad-duttrina u formazzjoni nisranija anke wara li tkunu rcevejtu l-Griżma ta' l-Isqof, ma tfallux bla bżonn l-iskola u tkunu dejjem ubbidjenti u eżemplari.

Nawguralkom mela Milied hieni u qaddis u sena ġdida kollha risq u paci.

## KOMPETIZZJONI

Għandkom żmien biex twieġbu sal-**15 ta' Jannar 2002** u ibgħatu t-tweġibiet tagħkom f'dan l-indirizz: *L-Editur, IL-BELT VICTORIA, Centru Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Victoria, Għawdex.*

***Il-Mistpqsijiet huma dawn:***

1. **F'liema żewġ postijiet f'Għawdex issir il-festa tal-Kuncizzjoni?**
2. **X'Inhu l-iktar importanti fil-festa tal-Milied?**
3. **Xi tfisser il-kelma NOVENA?**
4. **Ikteb qawl bil-malti li fih tissemma l-kelma MILIED?**
5. **Skond it-tradizzjoni x'kien jisimhom it-tliet Slaten Maġi?**
6. **Għaliex dawn ma marrux għand Erodi wara li sabu lit-Tarbija Divina?**

*Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni tal-ħarġa Sett-Ott 2001 kien : Matthew Xerri, San Ġorġ, Triq San Duminku, Victoria.*

# Is-Sengħa Ta' L-Imħabba

Nhar is-Sibt 20 ta' Ottubru l-Astra Dramatic Company ippreżentat il-kummiedja socjali "Is-Sengħa Ta' L-Imħabba" ta' Gorġ Pisani. Il-kummiedja ġiet imtella' fis-Sala Giuseppe Giardini Vella fil-Kumpless tat-Teatru Astra.

Din kienet biccca xogħol impenjattiva ħafna għaliex hija opra letterarja li mhux bilfors tappella għall-udjenza ġenerali. Iżda kemm l-attendenza kif ukoll ir-rectar bil-galbu u b'attenzjoni kbira għat-test mill-atturi involuti, ħarġu l-ħsieb veru wara t-tema socjali ta' Pisani. L-atturi kienu kollha żgħażagħ li jiffurmaw parti mill-Għaqda Zgħażagħ La Stella. Dan kien pass għaqli tad-direttrici veterana Maria Zammit Borg għaliex Pisani iffoka x-xogħol tiegħu f'ambjent ta' studenti universitarji. Għalhekk id-direzzjoni żammet fedelment mal-ħsieb u l-intenzjoni ta' l-awtur.

Preżenti għal din ir-rappreżentazzjoni kien hemm fost l-oħrajn l-armla ta' Pisani, Mary Rose, ibnu n-Nutar Paul George Pisani (li rringrazzja lis-Soc. Filar. La Stella f'isem il-familja fi tmiem il-produzzjoni), kif ukoll Dr. Charles Briffa, President ta' l-Akkademja tal-Malti, li esprima s-sodisfazzjon tiegħu li l-Kumpless tat-Teatru Astra ħass l-obbligu li jfakkar lil Pisani, li kien membru ta' l-Akkademja s mit-twaqqif tagħha, kif ukoll għaliex ippreżenta lill-pubbliku Għawdxi xogħol letterarju bħal dan.

Is-Sengħa Ta' L-Imħabba saret bħala parti minn festival kulturali li nżamm fil-belt Victoria b'tifkira tal-Poeta u Kittieb Għawdxi Gorġ Pisani.

In-Nutar Paul George Pisani, iben l-awtur tal-kummiedja-socjali, jidher jindirizza l-udjenza fi tmiem ir-rapprezentazzjoni fil-preżenza tal-cast li ħa sehem.



# KUNĊERT SINFONIKU

Nhar is-Sibt 24 ta' Novembru l-Banda Cittadina La Stella esegwiet il-Kuncert Sinfoniku Annwali tagħha fit-Teatru Astra. Il-pubbliku numeruż li attenda għal dan il-Kuncert setà japprezza għal darba oħra l-livell għoli ta' eżekuzzjoni mużikali li din il-Banda ewlenija t'Għawdex, taħt id-direzzjoni tal-Professur Joseph Vella, saret sinonima miegħu.

Il-Banda fetħet il-programm ferm impenjattiv tagħha bl-overture Armonia dell'Ottocento tal-kompożitur A. G. Marchesini. Din l-overture tat prova oħra, jekk kien hemm bżonn, ta' l-eccellenza fis-sezzjoni ta' l-isturmenti tan-nifs. In-noti akuti li huma miktuba għas-sezzjoni tal-klarinetti jagħmlu minn din is-silta għadma iebsa ferm, li jekk ma jkollokx klarinettisti tal-kalibru li tgawdi l-Banda La Stella ma għandekx xi tridha. Il-mod sabiħ u xejn invadenti li bih il-melodija principali għadiet minn sezzjoni għall-oħra tal-Banda kienet tassew lezzjoni fl-arkitettura mużikali.

F'dawn l-aħħar snin hadet sew l-prattika li solist mal-Banda jesegwixxi silta bl-akkumpanjament tal-kumpless bandistiku. Din id-darba wkoll inżammet din it-tradizzjoni u klarinettista bravu u promettenti ħafna, George Apap, rregala lill-udjenza l-Clarinet Concerto in A ta' Mozart. Dan huwa xogħol ta' raffinattezza kbira u ta' daqstant ieħor diffikultà. Dan ix-xogħol li hu karatterizzat minn stil klassiku eleganti jesiġi delikatezza mhux biss min-naħa tas-solist Iżda wkoll mill-kumpless bandistiku shih. Is-solist għaraf joħroġ il-kapacità teknika u l-estensjoni ta' l-iskala ta' l-istrument b'noti li jgħaddu b'ħeffa mir-reġistru l-aktar baxx għan-noti l-iktar akuti. George Apap hareġ bl-unuri kollha u spikka sew fil-qasam tat-teknika kif ukoll fil-qasam tad-dinamika u tal-fraseġġi intelliġenti. Taħt id-direzzjoni maġistrali ta' Joseph Vella, il-Banda kompliet perfettament mas-solist u fl-ebda mument ma ddominat u wriet sensibilita' kbira fl-interventi tagħha. Kien kuncert li wera l-livell għoli li laħqet il-Banda u fl-istess waqt tawgura ferm tajjeb għall-gejjieni. Is-solista għamel unur lill-kumpless bandistiku li fih trawwem, lill-għalliem tiegħu Noel Beck, kif ukoll lis-Surmast Direttur li wera fiducja fih u li hu l-ispirazzjoni kontinwa għall-kisba ta' livelli dejjem għola fil-qasam ta' l-interpretazzjoni mużikali.



Wara din is-silta klassika, il-Banda esegwiet waħda mill-isbaħ overtures Rossinjani L'Italiana in Algiers. Il-Banda daħlet sew fl-istil ħafif, mexxej u fl-istess waqt celebrattiv, li jikkaratterizza din l-overture. Wiehed ma jistax ma jinnotax ic-carezza u l-artikolazzjoni ritmika preciża u puntwali li intwerew mid-diversi sezzjonijiet tal-banda, tibda mill-interventi il-prim klarinettist Mario Galea u tibqa' sejjer. L-ispirtu ferm pożittiv, cajtier u dinamiku ta' Rossini kien jinħass matul l-ezekuzzjoni ta' din l-overture brillanti.

Ir-raba' silta, Selection mill-opra La Forza del Destino ta' Giuseppe Verdi ġedded memorji sbieħ tas-suċċess kbir li kisbet din l-opra metà ttellghet fit-Teatru Astra taħt id-direzzjoni ta' Joseph Vella stess, li hu wkoll id-Direttur Muzikali tat-Teatru Astra. Il-Banda laqgħet l-isfida li l-partitura kumplessa u mimlija bil-melodiji immortali toffri u harget bl-unuri kollha. Il-padrunanza fit-teknika u fl-interpretazzjoni li uriet il-banda huma rifless tal-padrunanza assoluta li wera s-Surmast Direttur ta' l-irqaqat kollha li jiffurmaw in-nisġa ta' din is-selection drammatika. Il-maestrija murija b'diskrezzjoni kbira li huma sinonimi ma' l-istil ta' Joseph Vella għenu mhux ftit sabiex il-banda setgħet tilħaq il-livell ta' eċċellenza fl-ezekuzzjoni li laħqet fl-La Forza del Destino. Is-solisti Mario Mizzi (tromba Sib), Frank Camilleri (althorn) u Anton Sacco (euphonium) ħaqqhom kull tifħir għall-interpretazzjoni stilistikament u teknikament perfetta tagħhom. Dawn is-solisti jkomplu jonoraw it-tradizzjoni ta' primat li l-Banda La Stella dejjem gawdiet f'Għawdex fil-qasam tas-solisti.

Il-programm issokta bl-ezekuzzjoni impekkabbli tal-poema sinfoniku Rebbieħa ta' Joseph Vella li kif osserva ferm tajjeb il-compere tas-serata, il-Kav. Joe M. Attard, hija "silta rebbieħa minn pinna rebbieħa għal Banda rebbieħa". Din is-silta, li kellha bħala solista lil George Camilleri (euphonium) hija ferm impenjattiva u titlob abilità mhux komuni sabiex toħroġ fil-qawwa fil-kumplessità u fid-dettalji tagħha. L-adattament tal-kumpless bandistiku kien ta' min ifaħħru għal mod eżemplari u effettiv tiegħu. Il-banda rrispondiet b'deciżjoni għall-indikazzjonijet tas-surmast direttur li għaraf mill-ewwel jimposta l-istil ritmiku u eċċitanti ta' dan l-poema sinfoniku. Din is-silta kompliet toħroġ is-sbuħija tonali li tikkaratterizza din il-Banda flimkien ma' l-ispektrum wiesa' ta' dinamika li jgħollu ferm 'l fuq il-Banda Cittadina La Stella fil-qasam bandistiku ta' pajjiżna. Ta' min jinnota li għal dan il-Kunċert ġiet mistiedna tippartecipa l-flawtista Rabtija u attivista fis-Soċjetà La Stella, is-sinjura Sarah Ellis. Din in-novità ntlaqgħet tajjeb ħafna tant li, bħas-soltu, din l-inizjattiva ta' La Stella ġiet adottata anke mill-kumpless bandistiku ieħor tal-Belt Victoria, liema kunċert sehh ġimgħa wara.

Il-Kunċert ġie fi tmiemu bl-esekuzzjoni ta' Innu La Stella, Innu lil Għawdex u l-Innu Malti. Għadd ta' mistiedna distinti kienu preżenti għal dan il-Kunċert, fosthom li Speaker tal-Kamra l-Onor. Anton Tabone u s-sinjura tiegħu, Mons. Dr Joseph Farrugia, Arcipriet tal-Kollegjata Bażilika Arci-matrici ta' San Ġorġ, Mons. Salv Borg, Arcipriet-Emeritus u Direttur Spiritwali tas-Socjetà, deputati Għawdxin, il-Kunsill tar-Rabat u rappreżentanti ta' baned lokali. Wara, il-mistednin flimkien mal-bandisti u s-soċi kienu mistiedna għal riceviment li sar fis-Sala Giuseppe Giardini Vella fil-Każin tas-Soċjetà.

A&M Printing Ltd. - Qala - 21 55 32 17